Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 339/2018

Il-Pulizija

Spettur Josric Mifsud

Vs

Carmel Cutajar

Illum 1 ta' Novembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmel Cutajar detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 609961M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar il-05/04/2018 ghall-habta tal-22:40hrs gewwa Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Birgu:

1. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Clint Schiavone, Emanuel Schiavone u Mary Schiavone;

2. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €23.29 ghad-dannu ta' Emanuel Schiavone.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 339 (1) (e) u 325 (1) (c) tal-Kodici

Kriminali ddikjarat lill-imputat Carmel Cutajar hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u minflok piena obbligatu sabiex ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali izomm il-paci ma' Emanuel, Mary u Clint Schiavone ghal zmien sena mil-lum taht penali ta' hames mitt ewro (€500).

In oltre, ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' mija u tlieta u hamsin ewro u erbghin centezmu (€153.40) fi zmien tliet (3) xhur mil-lum lil Emanuel Schiavone rapprezentanti danni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Cutajar, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Awwissu 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Lulju 2018, tiddikjara lill-appellant mhux hati u dan billi tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Carmel Cutajar huma s-segwenti u cioe`:-

1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestament hazin tal-provi, b'dan illi l-provi akkwiziti f'din il-kawza ma setghu qatt iwasslu ghas-sejbien ta' htija. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ma giex ippruvat illi l-appellanti hedded, ingurja jew insulenta lill-familja Schiavone. Jirrizulta mill-affidavit ta' WPS 210 illi l-pulizija minnufih irrikorriet fuq il-post fejn fil-komun setghet tisma' diversi ghajjat ta' zewgt irgiel jargumentaw. Li kieku l-pulizija semghet lill-appellant jinsulta, jhedded jew jingurja lill-familja Schiavone, kienet definittivament tirrappurtah fl-affidavit taghha. Mhux kull ghajjat necessarjament iwassal ghal theddid, insulti jew ingurji.

2. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-appellant cahad li habbat mal-bieb tar-residenza taghha bi flixkun meta kien hemm il-qanpiena a dispozizzjoni tieghu. Kien proprju l-ghada u cioe` fis-6 ta' April 2018 illi Mary Schiavone skopriet illi s-serratura tal-bieb kienet miksura. Li kieku s-serratura verament inkisret waqt l-argument, <u>jekk verament inkisret</u>, zgur li kienet tissenjala dan il-fatt lill-pulizija li kienu prezenti waqt l-argument.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument biss, l-appellant ikkawza l-hsara allegata, l-istima ta' 153.40 Eur <u>ma gietx debitament guramentata minn min irredigiha</u> u l-ewwel Qorti qatt ma setghet tordna li l-appellant ihallas dan l-ammont ta' 153.40 Eur peress illi ma ndikatx taht liema provvediment tal-ligi qieghda tordna li jsir dan il-hlas.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti.

Rat il-fedina penali tal-appellant aggornata esebita fl-atti.

Semghet mill-gdid il-provi li kienu iddeponew quddiem l-ewwel Qorti.

Semghet lill-partjiet jittratttaw il-kawza u dan fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2018.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok l-appellant qed issostni I l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li ma setghux iwaslu ghas-sejbien tal-htija u ghalhekk qed jitlob li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti tigi revokata u konsegwentement talab lil din il-Qorti tillibera lill-appellant minn kul akkuza.

Ikkundsidrat ultejorment,

L-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[1] " ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [2]"; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]" : "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] " u ohrajn .

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper** [5]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as*

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta Mejju, 1994.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] [1969] 1 QB 276

*revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[6] ", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Din il-Qorti regghet semghet ix-xhieda mill-gdid peress li quddiem l-ewwel Qorti dawn ma gewx traskritti u dan sabiex tkun tista' taghmel apprezzament tal-provi migjuba.

**Emmanuel Schiavone** xehed nhar il-5 ta Ottubru 2018 u spjega li dan kien id-dar mal-mara u ibnu Clint. F'daqqa u l-hin semghu xi hadd ihabbat b'sahhtu mal-bieb. Kien hemm hafna ghajjat u tisbit. Clint hareg biex jiftah u kemm hu kif ukoll martu hargu warajh. Hdejn il-bieb ta' barra kien hemm il-gar taghhom Camrel Cutajar, qua appellant. Dan kien qed isabbat mal-bieb u ighid 'iftah iftah'. Ra li kien feroci u cemplu lil pulizija. Il-pulizija gew fuq il-post u marru ghandhom. Il-mara ridet tkun taf ghaliex kien ghamel hekk u l-pulizija qalulha li kien ghamel hekk ghax Clint ma kienx selmilhom meta ghadda minn hdejhom. Mistoqsi jghid x'kien qal Carmel Cutajar dak il-hin jghid li ma jiftakarx jaf li bl-inkwiet spicca l-isptar. Jiftakar biss lilu jghid 'iftah iftah'. Qal li fl-ebda hin ma hebb ghalihom.

[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 1994.

**Mary Schiavone** xehdet fl-istess jum u kkonfermat li f'April 2018 ghall-habta ta bejn l-10.00 u l-10.30p.m kienet id-dar il-Birgu flimkien ma zewgha Emanuel u binha Clint. Qalet li f'xi hin semghet hoss qawwi. Taf li binha mar biex jiftah u ra lil Cutajar sejjer 'lilekk irrid' b'referenza ghall-zewgha. Mistoqsija ghalfejn ghamel hekk, tghid li ma tafx pero' l-pulizija qalulha li ghamel hekk ghax binha Cint ma kienx sellimlu. Tghid li tahseb li kien tela' ghalihom. Hija ma kelmitux, semghet hoss ta' flixkun mal-bieb u meta fethet rat il-flixkun ma l-art. Qalet li kien kissrilha l-pum tal-bieb u anke l-bieb u taf li bhala stima l-hsara kienet tammonta ghal madwar €150. Il-bieb pero' ghada ma rrangatux.

Mistoqsija in kontro ezami minn fetah il-bieb tghid li kien binha. Il-flixkun kien qieghed hemm ghaliex huwa ornament fil-kuritur. Hija marret taghmel rapport tal-hsara l-ghada ghax dakinhar hadu lil zewgha l-isptar u ma kellhiex mohh. Cutajar qatt ma qallha biex jirrangalha il-bieb. Murija l- ircevuta/stima fl-atti tghid li dik giet moghtija lilha dwar il-hsara li kellha fil-bieb.

**Clint Schiavone** xehed u ukoll jghid li kien id-dar ghall-habta tal-10.00p.m. flimkien ma ommu u missieru. F'xi hin semgha lil xi had ihabbat mal-bieb umar biex jiftah. Jghid li Cutajar ipprova jidhol go darhom izda ma halliehx u dak il-hin beda jghid kliem baxx bhal 'f'oxx kemm ghandek 'u 'ejja irrid nifqek'. Il-pulizija qallu li l-imputat kien irrabjat ghaliex ma sellimlux. Jghid li Cutajar kellu vazun f idejh. Dan jafu ghaliex rah mit-tieqa tal-bieba . Rah ihabbat mal-bieb u jghamel il-hsara fil-bieb bid-daqqiet tal-vazun. Jaf li hemm ghefisi mal-bieb u wara cempel lill-pulizija. Jghid li Cutajar ried jidhol ghal missieru. Qabel ma waslu l pulizija waslet ukoll martu biex tnizzlu isfel. L-imputat nizel isfel meta gew il-pulizija.

In kontro ezami jghid li l-bieb fethu missieru. Mistoqsi kif qed ighid li sema' lil Cutajar jhedded meta l-genituri tieghu ma semghu xejn. Jghid li kien l-ewwel wiehed li hareg u semghu jhdded u jirrabja u ighid kliem baxx. Jghid li rah bil-flixkun f'idejh waqt li fejn kienet ommu ma setghetx tarah. Il-bieb infetah normali. Qal li beda' jghidlu li 'jifqalu snienu' u 'f'oxx kemm ghandu'.

L-appellant ghazel li jixhed u spjega li xi hames xhur ilu huwa kellu argument ma Emanuel Schiavone u dan beda ihares lejh bl-ikrah. Ghalhekk huwa telgha fuq isaqsih xi gralu. Jghid li habbat fuq il-hgiega tal-bieb u ried ikun jaf x'ghamillu ghalfejn hares lejh bl-ikrah.

Qal li vera habbat b'sahtu fuq il-hgiega b'idejh u fetahlu t-tifel. Il-mara kellmitu hazin u qallha li ried ikellem lil Emmanuel. Jghid li warajh telghet il-mara tieghu. Jghid li mhux vera ghamel hsara fuq il-bieb. Fl-ebda' hin ingurja jew hedded lil xi hadd minnhom u fl-ebda hin ma uza flixkun mal-bieb. Kieku ghamel hekk kien jinkiser zgur. It- tifel qallu x'gara u qallu xejn hlif 'irrid inkun naf x'ghamiltu u ghaliex mhux qed isellimlli'.

Mistoqsi jispjega kif graw il-hsarat jghid li ma jafx pero' jaf li xi tmien snin ilu zewg binthom kellu xi jghid maghhom u ghamel xi hsarat fuq il-bieb. Qal li Clint hu giddieb ghax qal li rah bil-flixkun f'idejh u dan mhux minnu. Huwa vera habbat fuq it-tieqa u beda' jghid 'ohrog ha nkellmek'. Qal li qatt ma ghamel xejn lil Emanuel u lil familtu. Dan Schiavone ma riedx ikellmu u ghalhekk martu qaltlu biex jinzlu isfel. Qallu biss '*ohrog ghidli x'ghamiltlek*'. Mhux vera li kellmu hazin f'xi hin. Qal li Emmanuel Schiavone kellu sikkina f'idejh. Vera li habbat b'sahhtu pero' terremot m'ghamilx. Martu telghet biex hu jinzel l-isfel ghaliex ma riedux ikellmuh. Clint qallu meta fetah '*xi zobb trid*?'

Il-pulizja gew ghaliex il-familja Schiavone bezghet minnu u jafx ghaliex.

**Pauline Cutajar** xehdet u qalet li kienet id-dar mar ragel taghha l-appellant u zewgha mar biex ikellem lil Schiavone. Taf li habbat fuq it-tieqa ta' mal-bieb taghhom ghax telghet warajh. Qalet li harget mart Schiavone u qaltilha li biex issiket lil zewgha. Qalet li fl-ebda hin ma zewgha kellu f'idejh xi flixkun. Hgieg ma l-art ma kienx hemm u l-pulizija lanqas il-flixkun ma raw.

Xi jumejn wara il-pulizija marru ghandha u staqsewha dwar il-hsarat li kien hemm fil-bieb u qalet li hija telghet appena telgha ir-ragel u ratu ihabbat fuq il-bieb fuq il-hgieg tieghu. Qalet li Cutajar kien ilu jghamel ucuh lejhom. Il-bieb ma ratux jinfetah. Izda

semghet lil zewgha jitkellem ma Clint. Semghetu ighid *'xi trid, xi trid'* Semghet lil zewgha ighid li mhux lilu ried ( b'referenza ghal Clint) *izda lil zewgek'*. Ghajjat kien hemm hafna.

Illi rat ukoll l-affidavit ta WPS 210. Din spjega illi fil-5 ta' April, 2018, Clint Schiavone kien cempel gewwa l-ghassa tal-pulizja ta' Bormla sabeix jitlob l-assistenza tal-pulizija peress illi l-gar tghhom kien telgha ghal-familja tieghu gewwa Blk 4, Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Birgu. Il-pulizija rrikorriet minnufih fuq il-post fejn fil-komun setghet tisma diversi ghajjat ta' zewgt irgiel jargumentaw. Il-pulizija ikkalmat is-sitwazzjoni u wisset liz-zewg irgiel sabiex jidlhu f'darhom. Il-Pulizija bdiet tikellem lil wiehed mill-girien certu Carmel Cutajar, l-appellant, li jabita' gewwa appartament numru 2, fejn stqarr li hu kien telgha ghand Clint Shciavone sabiex ikelmu halli jara x'kien ghamillu minhabba l-fatt li kien ilu zmien iharislu bl-ikrah. Huwa gie imwissi sabiex bl-ebda mod ma jerga' ikellem lil Clint Schiavone u jzomm il-paci pubblika.

Il-pulizija kellmet ukoll lil Clint Schiavone u l-genituri tieghu certu Emanuel u Mary Schiavone fejn qallu li l-appellant kien telgha ihabbtilhom bis-sahha fuq il-bieb taghhom bi flixkun tal-hgieg u hekk kif fethu heddidhom u offendihom.

Bl-istess kedda li ha Emanuel Schiavone spicca b'attak ta' chest pain u b'hekk giet imsejha l ambulanza u ittiehed Mater Dei.

L-ghada is-6 ta' April, 2018 ghall-habta tal-5.00p.m gewwa l-ghassa tal- pulizja ta' Bormla is-sinjura Mary Schiavone marret tirraporta li skopriet li wara l-argument li kellhom, skopriet li s-serratura tal-bieb taghha kienet miksura u l-bieb tal aluminium ghandu xi ghefiesi fuq in-naha tal-bieba maghluqa. Hija pproduciet stima tal-hsarat li kellha fil-bieb li jammontaw ghall-€153.40. Meta l-appellant gie msitqosi dwar dawn il-hsarat innega li kien hu li kkagunhom. Din ix-xhieda hija kollha riflessa fl-okkorezna mehuda minnha u esebita fl-atti a fol 6 et seq.

Ikkunsidrat,

Illi ghalhekk din hija biss kwisjtoni ta' kredibilta'. Din il-Qorti ma thossx li ghandha tindahal fid-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti salv jekk ma jirrizutlahiex li in effeti l-gudizzji li hija hadet ma kienx wiehed li fic-cirkostanzi jista' jissejjah '*safe and satisfacotory*'.

Illi huwa sfortuna kbira li x-xhieda f'dan il-kaz ma gietx traskritta meta ittihdet ghaliex din il-Qorti hija certa' li dak li qalu ix-xhieda quddiemha ma hux ezatt dak li ddpeonew quddiem l-ewwel Qorti u dan ghaliex a bazi tax-xieda mismugha l-ewwel Qorti zgur ma kientix issib htija dwar l-ewwel akkuza u dan ghaleix had mix-xhieda ma qal li l-appellant hedded lil familja Schiavone salv ghal-Clint li qal li hedded lilu pero' din il-Qort rat dak li stqarr Clint f'dan ir-rigward u tikkonkludi li ma kienx hemm kliem ta' theddid ghalkemm seta kien hemm xi kliem baxx. L-ewwel akkuza ghalhekk ma gietx provata.

Dwar it-tieni akkuza jingahd li l-appellant cahad li in effetti ghamel hsara fuq il-bieb tal-parte civile li kient gewwa d-dar taghha ghall-affari taghha meta f'daqqa u l-hin mar u qaghad ihabbat b'sahhtu mal-bieb. L-appellant jghid li huwa habbat mal-hgeiga tal-bieb u mhux mal-bieb pero' fl-istess hin jghid il huwa habbat b'sahhtu. Il-familja Schiavone ilkoll jghidu li l-ghajjat u tisbit semghuh mal-bieb u mhux mal-hgiega. Huwa aktar vero simili li t-tisbit sar mal-bieb ghaliex kieku l-hgieg zgur kien jinkiser. In oltre Clint jghid li fetah il-hgiega tal-bieb u minn hemm seta' jara lill-appellant jghati mal-bieb. In oltre, Mary Schiavone ghadddiet stima tal-hsara lill-pulizija meta ghamlet ir-rapport.

L-appellant jghid li ma kienx hu li kkaguna l-hsara pero' fl-istess nifs jghid li ma jafx kif gew ikkagunati l-hsarat. Il-Qorti thoss li l-ewwel Qorti ghamlet gudizzju tajjeb meta sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza .

Ghalhekk, din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant in parte billi qiehda tilqghu fir-rigward fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka fis-sentenza dik il-parti fejn sabithu hati ta' l-ewwel akkuza u minflok qed tilliberah minn din l-istess akkuza pero' qeda tichdu fir-rigward ta' dik il parti fejn talab li jigi liberat mit-tieni akkuza billi qed tikkonfermha f'dan ir-rigward ta' htija u qeda' wkoll tikkonfermaha fir-rigward tal-obbligazzjoni

mposta minnha ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 fil-konfront tal-familja Schiavone ghal-perijodu ta' sena taht penali ta' hames mitt euro ( €500) fin-nuqqas.

Din il-Qorti qed tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat ai termini tal-artikolu 532A tal-Kap 9 lill-hati ihallas l-ammont ta' €153.40 fi zmien tlett xhur m'illum lil Emanuel Schiavone rappresentanti danni sofferti minnu.

(ft)Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur